A.L. 198 ta' l-1990

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti ta' l-1990 dwar il-Bejgħ ta' Laħam u Prodotti tal-Laħam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar il-Bejgħ ta' Laħam u Prodotti tal-Laħam.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"bejjiegħ tal-laħam" tfisser persuna li l-attività prinċipali tan-negozju tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat bl-imnut minn ħanut;

"*grocer*" tfisser persuna li l-attività prinċipali tan-negozju tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' oġġetti tal-merċa bl-imnut u tinkludi persuna li tmexxi ħanut *self-service,* iżda ma tinkludix bejjiegħ tal-laħam;

"ikel preskritt" tfisser —

(a) laħam nej frisk, imkessaħ jew iffriżat u li mhux ipproċessat; u

(b) zalzett tal-Malti;

"laħam" tfisser il-laħam ta' bovini, majjali, ovini jew kaprini;

"negozju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb; Cap. 231.

"*meat processor*" tfisser persuna li għandha impjant approvat u liċenzjat fejn tipproċessa u tippakkja prodotti tal-laħam.

Ippakkjar ta' laħam u zalzett tal-Malti.

3. (1) Ebda *meat processor* ma jista' jippakkja ikel preskritt jew joffri għall-bejgħ dak l-ikel ippakkjat jekk mhux bl-ingrossa, u dan biss lill-bejjiegħa tal-laħam jew għall-*catering*.

(2) Ebda bejjiegħ tal-laħam ma jista' jippakkja jew joffri għall-bejgħ ikel preskritt ippakkjat jekk mhux mill-ħanut tiegħu.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament, *meat processor* jew bejjiegħ tal-laħam jista' jippakkja jew joffri għall-bejgħ zalzett tal-Malti ippakkjat b'*vacuum* f'pakketti ta' mhux anqas minn żewġ kilogrammi piż kull wieħed.

Bejgħ ta' prodotti tal-laħam.

4. Ikun id-dmir ta' kull bejjiegħ tal-laħam, *grocer* jew *meat processor* li jassigura li prodotti tal-laħam li ma jkunux klassifikati bħala ikel preskritt —

(a) ikunu ġew preparati u ppakkjati minn qabel f'fabbriki li għandhom il-liċenza meħtieġa;

(b) jinbiegħu f'pakketti mhux miftuħin; u

(ċ) jinħażnu u jiġu offruti għall-bejgħ skond ir-regolamenti sanitarji.

Pieni.

5. Kull persuna ħatja ta' reat kontra xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, teħel —

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn għaxar liri Maltin iżda mhux iżjed minn ħamsin lira Maltija;

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba wara tnax-il xahar mill-ewwel darba li tkun instabet ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitt lira Maltija;

(ċ) meta tinsab ħatja għat-tieni darba fi żmien tnax-il xahar mill-ewwel darba li tkun instabet ħatja jew meta tinsab ħatja għat-tielet darba jew għal kull darba oħra wara t-tielet, multa ta' mhux inqas minn mitt lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitejn lira Maltija u s-sospensjoni tal-liċenza tagħha għal perijodu ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur.

Jirrevoka A.L. 119 ta' l-1989.

6. Ir-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Bejgħ ta' Laħam u Prodotti tal-Laħam huma b'dan revokati.